# QABEL MA SANTA KJARA TWIELDET....

Ortulana, kontessa ta' Sasso Rosso, mart Favorinu tan-nobbli familja Scifi, kienet mara ta' l-akbar ġieh u qima: kienet tisboq lin-nisa l-oħra darha. Minn Sterpetu, fejn twieldet u għexet ta' xbejba f'dar ommha, kienet marret f'Assisi tgħammar ma' żewġha Favorinu, il-Konti Scifi,



*Swor Hortulana tagħżaq fil-ġnien tal-Monasteru taħt l-ubbidjenza ta' Bintha Santa Kjara.*

fil-ġmiel, fit-tjieba u fil-grazzja. Mogħnija minn Alla bl-aqwa għotjiet tar-ruħ, għexet dejjem b'ġibda kbira ta' mħabba għall-Knisja u fil-ġabra ta' bniedem ukoll ta' ġieħ u meqjum minn kulħadd, sew imħabba isem daru, sew imħabba l-għana li kellu, kemm ukoll imħabba l-ħajja li kien

jgħaddi ta' bniedem ġwejjed, irżin u ħanin, kif kienu jitolbu żminijietu.

Ortulana, żagħżugħa u ta' ħsus imqanqla f'kull ħaġa siewja għal ruħha u mxenqa dejjem minn ħsibijiet u għemejjel li jressquha u jimlewha bl-imħabba mħeġġa għall-Mulej, b'emmna ħajja u qaddisa f'ruħha, kienet għamlet aktar minn pellegrinaġġ wieħed għal Santwarji divoti b'dak il-għan fejjiedi li titħeġġeġ dejjem iżjed fl-imħabba u titkattar aktar fil-grazzja qaddisa, li kienet tħossha bħala l-akbar faraġ ta' ruħha. Li kont iżżur l-Imkejjen Imqaddsa tal-Fidwa tagħna fil-Palestina, f'dawk iż-żminijiet ta' Ortulana, kienet ħaġa fil-ħsieb ta' bosta nsara: kienu żminijiet ta' fidi qawwija u ħafna mħeġġa; u għalhekk, mhux ftit kienu dawk, li warrbu minn moħħom kull tfixkil ta' bogħod, ta' tbatija u ta' tiġrib, u kienu jaqbdu iterrqu bil-mixi lejn il-Palestina, imtagħrin bil-ġwienaħ ta' l-imħabba t'Alla ma' tul il-mixi tagħhom, jgħannu tifħir ta' ħajr u ta' ferħ lil Ġesù, li hemm fdieħom bit-tbatija u l-mewt tiegħu. Ukoll Ortulana kienet marret aktar minn f'pellegrinaġġ wieħed għal xi Santwarji fl-Italja u saħansitra kienet terrqet Bari b'devozzjoni l-aktar imħeġġa ta' qalbha. U wara dawn il-pellegrinaġġi kienet tħossha wisq aktar imsaħħa fl-emmna tagħha u aktar imħeġġa fl-imħabba tagħha lejn il-Mulej.

F'dik is-sena, il-konti żewġha, Favorinu, kien ħallieha tingħaqad ma' ħafna oħrajn f'pellegrinaġġ u tmur itterraq magħhom lejn l-Art Imqaddsa, il-Palestina. Kellhom jitilqu mill-Italja għadd mhux ċkejken ta' nsara bħala żawwara għall-Qabar ta' Kristu: kien hemm f'ħafna bliet u rħula bħala tqanqila ħafna mħeġġa li kienet ħajret lil bosta biex jissieħbu f'dak il-vjaġġ iebes u ta' tiġrib. Ortulana mixgħula minn emmna ħajja u miġbura fiha nfisha, issieħbet maddivoti l-oħra u telqet magħhom lejn in-naħa tax-Xerq bi ħsus ruħha ferħana u b'qalbha mimlija bil-faraġ. Il-vjaġġ ta' Ortulana ma kienx ħlief talba bla hedu f'ġabra tar-ruħ u tal-ġisem: kien tħejjija għal laqgħa ma' Ġesù fl-Art Imqaddsa tiegħu bit-talb, bis-skiet u bil-penitenza.

U fl-aħħarnett Ortulana, wara vjaġġ ta' taqtigħ il-qalb u ta' tiġrib, qatgħet xewqitha u l-waħma tagħha u rifset fl-Art tal-Palestina, fejn il-Feddej divin wera ruħu Dak li tassew kien bl-egħġubijiet li kien għamel u fejn temm l-opra tal-Fidwa tagħna bi tbatijietu u b'mewtu. Ortulana dlonk b'ħeġġa ta' divozzjoni liema bħalha bdiet iż-żjajjar tal-Imkejjen Imqaddsa kkonsagrati mill-istess Ġesù Kristu: dan għemilha fil-ħajja pellegrina tagħha fil-Palestina kien għaliha ma ngħidux biss hena, imma estasi li tajret lil ruħha divota mill-art bl-imħabba u bl-emmna tagħha f'Ġesù Iben t'Alla u f'dak li Hu wettaq hemm għall-fidwa tagħna.

Imma dak li laqat l-iżjed il-qalb ta' Ortulana kien is-Santwarju ta' l-Għar ta' Betlem: għal dan sa minn meta rifset fl-art kienet tħoss fiha ġibda ħakkiema li donnha ma kinitx tista' taqfilha; donnha kienet tħoss u tisma' bħala stedina mis-sema għal dak l-Għar tat-twelid ta' l-Iben t'Alla magħmul Bniedem. L-Għar fqajjar u mċejken, li bil-kemm hu mdawwal bi ftit dwal jixegħlu, kien juri kitba li tgħid: "HIC JESUS CHRISTUS NATUS EST" hemm, f'dak l-imkien twieled Ġesù. U Ortulana, għal dik il-kitba, inxteħtet għarkubbtejha f'ġabra ta' suritha donnha Anġlu adoratur, u qagħdet għal ħin twil titlob f'meditazzjoni l-aktar profon-

da............ Ebda ħadd miż-żawwara l-oħra sħabha ma ssogra jfixkilha, iżda kollha ħassuhom jistagħġbu għall-qagħda tagħha, u kienu jibqgħu mexjin, siekta...... Sa kemm donnha mqajma maħsuda minn bħal xi ħolma għariba, Ortulana qamet minn dik qagħditha, ħarġet mill-Għar Imqaddes b'idejha fuq sidirha, titlob......! Bi tbissima ta' ħlewwa għarrfet lil seħbitha l-hena ġewwieni ta' ruħha li hija kienet qalgħet minn dik it-taħdita spiritwali li hija kellha f'dak l-Għar Imqaddes.

Ma' min, iżda, kienet tkellmet Ortulana f'dak l-Għar Imqaddes? Ma qalitx ma' min, Ortulana; biss f'dik il-għaxija, waqt li sellmet lil dik seħbitha tal-pellegrinaġġ, ma felħitx ma tgħidilhiex "*il-bxara li kellha hemm, fuq dik il-blata ħarriesa ta' dak l-Imkien Imqaddes fejn kien twieled il-Feddej, Ġesù Kristu, Bambin ċkejken*". Hekk kien ġie lilha mbassar: — It-tarbija li inti għandek tagħti lid-dinja tkun bħala dawl ta' kewkba mill-aktar li jiddi għad-dinja kollha, u tkun KJARA f'isimha u f'ħajjitha, KJARA jiġifieri li tiddi u famuża, kif ifisser isimha.

B'dan il-ferħ f'qalbha, Ortulana temmet il-pellegrinaġġ tagħha fl-Art Imqaddsa u reġgħet mill-ġdid tgħammar hienja f'dar żewġha tistenna ssir ir-Rieda tal-Mulej fiha. Wara sena, Ortulana kellha l-kbira grazzja li tħaddan f'dirajha t-tarbija ċkejkna li tweldītilha, li kellha tkun tassew għad-dinja kewkba ta' dawl mill-aktar li jiddi: iċ-ċkejkna KJARA li Franġisku t'Assisi kellu jikkonsagra 'l Alla.

Kien il-11 ta' Lulju, 1194, meta l-imħabbra qaddisa twieldet minn Ortulana Scifi, kif sewwa sew kien ġie lilha mħabbar fuq dik il-blata tal-Presepju fl-għar ta' Betlem: aktarx dan kien il-ħlas minn Alla ta' dik il-ħeġġa devota li biha kienet mogħnija ma' tul iż-żjara fl-Art Imqaddsa. U Ortulana mbagħad, mogħnija bi kbar grazzi mill-Provvidenza divina u msiebħa fil-mixi ta' bintha l-maħtura mn'Alla, kellha l-faraġ mis-sema li tingħaqad magħha fil-penitenza ħarxa u iebsa ta' l-Ordni tagħha, fejn hija kienet daħlet wara bosta snin, u li wkoll tħalli għal dejjem lid-dinja fi ħdan bintha u Superjura tagħha, tbierek 'l Alla u mbierka mn'Alla.

P.N.M.

## NUQQAS TA' DEHEN

— Ħafna min-nies jidhrilhom li huma ta' kbir dehen, waqt li huma m'humiex, anzi huma lura ħafna.

— Għid is-sewwa, m'intix dan qed tgħidu għalija, hux!

— Għalik?! Lè, qatt ma naf li jiena għidt li inti tidher ta' dehen jew li inti l-quddiem.

## FIL-QORTI, QUDDIEM IL-MAĠISTRAT

— Wieħed bidwi, billi ra li l-Maġistrat mhux jemmen ix-xhieda tiegħu, żied igħid:

— M'hiniex lè, ngħid ħaġa b'oħra; li kieku qed nigdeb, narra tfaqqa' saj̄etta u taħraq lili, l-marti u l-ulied kollha!

— Żid, qallu l-Maġistrat, u lil baqar tiegħek, u lill-ħnieżer u littiġieġ kollha; u b'hekk biss nemmnek.